MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 74/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alfred Mallia)**
**Vs**
**Mario Cassar**
**Dolores Cassar**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-13 t’April, 2004, ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghaxija gewwa Triq l-Oratorju, Bormla,
Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja f’periklu car, ikkagunaw griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rita Cassar ID 268672M, kif iccertifikat Dr. Julie Galea MD Reg. No. 9781.
Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddu, offendew u ingurjaw lill-istess Rita Cassar bi ksur tal-artikolu 339(e) u 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant Mario Cassar hati tal-ewwel akkuza w it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmi appellant in kwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-istess appellant Mario Cassar, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-istess appellant Mario Cassar ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin l-appellant Mario Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u in kwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-istess Mario Cassar ikkundannatu ghall-piena ta' tmienja w hamsin Euro u tlieta w ghoxrin centezmi ta' Euro (€58.23) ammenda.
Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess Mario Cassar stante li din it-tieni akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata fil-konfront tal-istess Mario Cassar, il-Qorti lliberat lill-istess Mario Cassar minn din it-tieni akkuza.
Sabet lill-appellanti Dolores Cassar hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmija Dolores Cassar in kwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra taghha wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-istess Dolores Cassar ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief matul il-perjodu ta' tlett (3) snin l-appellanti Dolores Cassar tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, in kwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-appellanti Dolores Cassar ikkundannat lill-istess appellanti Dolores Cassar ghall-piena ta' tmienja w hamsin Euro u tlieta w ghoxrin centezmi ta' Euro (€58.23) ammenda w in kwantu ghat-tielet akkuza

migjuba kontra l-imsemmija Dolores Cassar ikkundannataha ghall-piena ta’ tmienja w hamsin Euro u tlieta w ghoxrin centezmi ta’ Euro (€58.23) ammenda.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lil Mario Cassar u Dolores Cassar b’obbligazzjoni personali ta’ tmin mitt Euro (€800) kull wiehed/wahda li jzommu l-kwiet ma’ Rita Cassar u li jzommu l-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena.

Finalment il-Qorti tat lill-appellanti Mario Cassar u Dolores Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fis-26 ta’ Frar, 2010, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja, temenda, tbiddel, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi fir-rigward tal-appellant Mario Cassar, tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza w minnha lliberatu, filwaqt li tiddikjarah mhux hati ta’ l-ewwel u t-tielet akkuzi li taghhom l-Ewwel Qorti sabitu hati u kkundannatu kif issemma’, w minflok tilliberah minnhom u minn kull imputazzjoni u piena; u fir-rigward tal-appellanti Dolores Cassar joghgobha tvarja, temenda, tbiddel, thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija li sabitha hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontriha, u minflok tiddikjaraha mhux hatja tal-istess akkuzi w tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena; u thassar ukoll l-obbligazzjoni personali inflitta fuq kull appellant ta’ tmien mitt Euro kull wiehed li jzommu l-kwiet ma’ Rita Cassar u jzommu l-buon ordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena.
Illi, ghall-istess ragunijiet msemmija, l-appellanti jitolbu li f’kaz li tinstab xi htija f’xi wiehed jew wahda minnhom, din il-Qorti tbiddel il-piena nflitta fis-sens li taghti piena ohra hafna aktar adatta, mehud kont il-karattru tal-appellanti u c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti qeghda tillimita din is-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari imqajma mill-Avukat Generali permezz tal-verbal tat-18 ta' Marzu, 2011, fejn eccepixxa preliminarjament n-nullita` tar-rikors tal-appell peress illi l-parti konklussiva taghha fiha talba mhiex konformi mad-dettami tal-artikolu 419 tal-Kap. 9, peress illi gew mitluba l-alternattivi kollha u ma saritx differenza bejn wahda u ohra.

Minn naha l-ohra l-appellanti rrilevaw ili t-talba hi maghmula skond il-ligi u fiha ezatt dak li qed jintalab mill-Qorti.

L-artikolu 419(1) jghid li *"r-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` -*
*(a) il-fatti fil-qosor ;*
*(b) ir-ragunijiet tal-appell;*
*(c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri.*

L-appellanti fit-talba konkluzzjonali taghhom talbu lil din il-Qorti illi joghgobha *"tvarja, temmenda, tbiddel, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati".*

L-ewwel tlett talbiet ifissru l-istess u ma jbiddlu xejn mis-sustanza.

It-thassir u r-revoka huma kuncetti differenti u ma jistghux jigu abbinati mall-ewwel tlieta. Kien ghalhekk illi l-artikolu 419 (c) jghid car u tond illi l-ghazla qeghda bejn it-thassir jew it-tibdil tas-sentenza izda mhux it-tnejn flimkien.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Galea" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1995 il-Qorti qalet
*"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita` ta' rikors tal-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :*

*a. bhala regola generali, l-artikolu 419(1), cioe` li r-rikors ghandu jkun fih talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet "very strictly and rigidly interpreted."*
*b. Ghalkemm il-ligi titkellem dwar it-talba ghat-thassir* ***jew*** *ghat-tibdil, fil-prassi tal-Qorti tal-Appell kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, illi jkun hemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghal bdil, purche' li din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anki jekk tintalab biss it-thassir, il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellant – skond min ikun appella – tilqa` l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghal piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut illi jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null .........."*

Dan hu proprju dak illi gara f'dan il-kaz fejn is-sentenza appellata sabet in parti htija u in parti illiberat u ghalhekk l-appellanti ma jistghux fl-istess hin jitolbu varjazzjoni u thassir u r-revoka, ghax dan imur kontra l-vott espress tal-artikolu 419 (1) illi jghid car illi meta jsir hekk ikun hemm il-piena tan-nullita`.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa` l-eccezzjoni tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu 2011 u konsegwentement tiddikjara null ir-rikors tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------